**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju 2023**

**Rikors nru : 218/2023 AGV ;**

**GA**

**VS**

**RA**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors Guramentat ta` GA :**

Jesponi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma li ;

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit- 28 ta' Gunju 2007, liema zwieg jinsab debitament registrat ma' Registru Pubbliku – Dok A

2. Illi minn daz-zwieg twieldu zewgt iftal, u cjoe JA , li twiled fit-23 ta' Settembru 2008 u K A li twieldet fit- 23 ta' Settembru 2012.
3. Illi l-kontendenti ilhom separati de facto minn Gunju 2018 u sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' sperazzjoni, fl-atti ta' Nutar Drr. Joseph Smith La Rosa De Cristoforo , fl-24 ta' Marzu 2023.- ara Dok B
4. Illi bejn il-kondententi ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni. Dan gie kkonfermat mill-esponenti permez ta' affdiavit tieghu immarkat bhala Dok C .

Illi ghalhekk ai termini tal-att XIV tal- 2011 l-esponenti jixtiqq jitlob divorzju u/jew hall taz-zwieg.

Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara d-divorju u / jew hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit- 28 ta' Gunju 2007.
Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jirregistra id-divorzju/ u jew hall taz-zwieg fir-registru Pubbliku ta' Malta.

**Rat illi l-intimata, debitament notifikata, ma ppresentatx risposta entro t-terminu.**

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet iccelebrat nhar it- 28 ta' Gunju 2007.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**